**IKLIN**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU 65 – IT-TNEJN 28 TA' MARZU 2011**

Il-Kunsill iltaqgħa fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Sur Anthony Dalli | Sindku |
| | Sija. Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sija. Margaret Zammit | Kunsillier |
| | Sur Nazzareno Cauchi | Kunsillier |
| | Sur Carmel Caruana | Kunsillier |
| | Sur Alfred Naudi | Segretarju Eżekuttiv |

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI.**

1.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru erbgħa u sittin (64) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

1.2 Il-Kunsill approva unanimament il-korrettezza tal-minuti u ġew iffirmati mis-Sindku Anthony Dalli u s-Segretarju Eżekuttiv Alfred Naudi bħala dokument korrett.

**2. KORRISPONDENZA.**

Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew inħarġet mill-uffiċċju bejn l-15 ta' Marzu u t-28 ta' Marzu 2011.

2.1 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru.07070/11. Konferma mingħand tal-GO plc li sejrin iwaħħlu l-cable tat-telefon għal-Wifi sal-kamra li għandu l-Kunsill fi Triq Ġużè' Ellul Mercer.

2.2 Il-Kunsillier Carmelo Caruana staqsa fuq il-korrispondenza Nru. 0709/11. It-Trasport Malta bdiet sistema ġdida tat-*Trenching Works* u bagħtet il-Passwords ta' l-Istaff li jużaw is-sistema.

2.3 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 0717/11. L-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali ħabbret il-proġett *Europe for Citizens*; ġemellaġġ għaż-żgħażagħ fi Brussel; konferenza li sejra issir bejn id-19 u l-24 ta' Lulju 2011.

2.4 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondneza Nru. 0783/11. Is-Sindku Anthony Dalli staqsa lill-Kunsill Lokali għal aktar dettalji dwar installazjoni ta' ATM fil-lokal.

Doc. A u B anness

## 3. ILMENTI.

3.1 Ġiet ippreżentata l-lista ta' ilmenti bejn l-15 ta' Marzu u t- 28 ta' Marzu 2011, kif tidher annesa bħala dokument C.

3.2 Rigward ilmenti fuq bozoz Nru 24/03-2 (Triq Il-Gharghur W006; Nru. 24/03-4 (W059 - Triq Anton Buttigieg) dawn ġew irrappurtati minnufih.

3.3 Rigward talba Nru. 16/03-1 biex isiru bollards fuq il-bankina quddiem il-ħanut "The Perfect Cup" fi Triq il-Klin minħabba li karozza baqgħet dieħla ġoċ-cint tagħha; Is-Sindku Anthony Dalli diġa kellem lis-sid fuqu.

3.4 Rigward rapport Nru. 16/03-2 li fi Triq San Mikiel Caravans dejjem ipparkjati fuq naħa ta' l-għalqa u vetturi fuq in-naħa l-oħra u t-triq djieqet. Il-Kunsill sejjer jinforma lill-Pulizija biex jinvestigaw dan il-kaz u fejn hemm bżonn jieħdu passi.

3.5 Rigward ilment Nru. 21/03-1 minn resident ta' Triq Ġużè' Pesċi dwar ħmieġ tal-Klieb fit-triq. Il-Kunsill Lokali sejjer jistaqsi lil dan ir-resident jekk jafx min qed iħammeġ.

3.6 Rigward talba Nru. 24/03-1 minn resident ta' Triq San Mikiel biex żewġ garaxxijiet ħdejh jitnaddfu mill-ħaxix u mbarazz . Il-Kunsill sejjer jistaqsieh jekk jafx ta' min huma.

3.7 Rigward ilmenti Nru. 24/03-3 dwar ħafna fjuri sofor u ħmieġ tal-klieb fi Sqaq in-Namur. Il-Kunsill sejjer jitlob lill-kennies biex din titnaddaf minnufih.

4. **ĦLAS TA' KONTIJIET U NFIQ IEĦOR.**

4.1 Is-Segretarju ressaq lista ta' kredituri kif tidher annessa f'dokument immarkat D.

4.2 Is-Sindku Anthony Dalli 'mbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa. Issekondah il-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo u wara kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

**5. MATERJI KONNESSI MA' L-AWTORITA' TA' L-IPPJANAR.**

5.1 l-Kunsillier Margaret Zammit għaddiet it-tagħrif dwar il-kontenut ta' l-applikazzjonijiet jew deċiżjonijiet li ttieħdu fl-Awtorita' ta' l-Ippjanar mill-aħħar laqgħa tal-kunsill.

5.2 Dwar PA 05720/09. Casa Bonnici, North & South House, Triq il-Wied. Alterazzjonijiet fid-djar semi-detached, u bini ta' sular addizzjonali. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata.

**6. ENERGY DAY 2011.**

6.1. Is-Sindku Anthony Dalli għamel riferenza għal Konferenza Stampa li kienet għadha kif saret dakinhar wara nofs in-nhar. Hu qal li kollox mar kif kien ippjanat.

6.2. Hu irrefera għat-tabelli li jaħdmu bis-Solar Energy li kellna nordnaw mingħand id-Ditta Smart Light Systems. U dawn kienu:

a. Tabella li turi li hemm "Bend" fin-naha ta' fuq ta' Triq il-Wied.
b. Tabella "Give-Way" fi Triq il-Wied qabel ma' tasal għar-roundabout ta' Triq San Mikiel.
c. Tabella "Give-Way " int hu tiela minn Triq Geronimo Abos u qabel ma toħroġ għal fuq ir-roundabout.

6.3 Is-Sur Dalli staqsa jekk hux kulħadd kien qed jaqbel ma' dawn it-tlett tabelli ħalli nagħmlu l-ordni.
Semma ukoll li sejrin nitolbu kwotazzjoni biex nixtru żewġ roti "Standard" biex jintużaw mir-residenti fil-lokali u/jew mill-istaff għal qadi fil-lokal.

6.2 Fl-aħħar nett semma li l-attivita' ta' l-Energy Day 2011 diġa kienet qiegħda tiġi 'mħabbra fis-sit tal-Covenant of Mayors tal-E.U. fi Brussel.

## 7. KUMNIKAZZJONI MIS-SINDKU.

7.1 Is-Sindku Anthony Dalli irrefera għat-talba tal-Head Teacher ta' Lija/Balzan/Iklin Primary School fejn kienet qed titlob parti mis-somma ta' €300 biex tiġi trasferita l-Librerija tal-Iskola għal-University Residence. Il-Librerija hija devoluta lil Kunsill ta' Ħal-Lija. Kellna nistaqsu wkoll sejjer jagħti l-Kunsill ta' Ħal-Balzan.
Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

7.2 Kienet qed titlob ukoll għajnuna ta' €100 biex issir il-Fun Healthy Week. Dan kien sejjer ikun forma ta' Bus Shuttle Service.

7.3 Is-Sur Anthony Dalli qal li kellem lill-Kappillan biex flimkien jitlob għajnuna fuq proġett ġdid biex jinstalla l-Pannelli Fotovoltajiċi fuq il-bejt tal-Knisja.
Is-Sindku qal li sejjer jindaga jekk hemmx fondi mill-Unjoni Ewropeja għal dan l-iskop u sejrin nitkellmu mal-MEUSAC

## 8. AĠĠORNAMENT .

8.1 Qabel ma' spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 11 ta' April 2011 fil- 5.30pm.

9.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt il-laqgħa tal-Kunsill ta' nhar it-Tnejn 11 ta' April 2011 fil-5.30pm.

.

| | |
|---|---|
| **Anthony Dalli** | **Alfred Naudi** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |